**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Jannar, 2018

Rikors Guramentat : 65/16 AL

**A B**

**vs**

**Dr Patrick Valentino u il-PL Nadine Farrugia b'digriet tas-26 ta' April 2016 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti**
**C N S B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg civili f'Malta, fid-disgha u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (29/09/2007), fir-Registru Pubbliku, l-Belt Valletta u dana skont ic-certifikat taz-zwieg bin-numru progressiv erbgha,

tas-sena elfejn u hamsa (04/2007), liema certifikat jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘A’;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldet tifla bl-isem ta' Y B fid-disgha ta' Awwissu elfejn u tmienja (09/08/2008);

3. Illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba f’inkompatabilita’ ta’ karattru u kif ukoll minhabba nuqqasijiet gravi imputabbli unikament lill-intimat u dan peress illi l-intimat sar hati versu l-attrici u binthom minuri ta’ adulterju, eccessi, sevizzi, u ngurji gravi b’mod li rrenda l-hajja konjugali ta’ bejniethom impossibli u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi l-intimat ilu li abbanduna l-familja tieghu kif ukoll id-dar matrimonjali sa minn Mejju tas-sena 2015 u dan bl-iskuza li kien sejjer isib xoghol gewwa Londra, l-Ingilterra. Illi l-unika informazzjoni li ghandha r-rikorrenti hija li l-intimat, YP B, qieghed jirrisjedi gewwa *Cardiff, Wales*, fir-Renju Unit izda minghajr mar-rikorrenti ghandha ebda hjiel tal-indirizz prezenti ta' fejn jinsab jirrisjedi l-intimat;

5. Illi l-kontendenti kienu ghamlu kuntratt tas-separazzjoni tal-beni in atti n-Nutar Dottor Anne Marie Tonna datat l-ewwel ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (01/02/2012) bin-numru tal-Insinwa, elf tmien mija tnejn u erbghin tas-sena elfejn u tnax (1842/12) (Dok 'B') u sussegwentement b'kuntratt iehor ta' assenjazzjoni tal-propjeta` wara l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni tal-beni datat tnax ta' Awwissu elfejn u hmistax (12/08/2015), in atti l-istess nutar fuq citata, bin-numru tal-Insinwa wiehed, sebgha, wiehed, hamsa, hamsa zbarra hmistax (17155/15) (Dok 'C') u ghalhekk il-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti bejn il-kontendenti hija xolta;

6. Illi r-rikorrenti ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tistitwixxi din il-kawza u dan permezz ta’ digriet datat erbgha (4) ta’ Marzu elfejn u sittax (2016), (Dok 'D');

7. Illi in oltre huwa fl-ahjar interess tal-minuri Y B li l-kura u kustodja tigi fdata esklussivament lir-rikorrenti u dan minhabba l-biza l-intimat jista' jahrab bil-minuri f'kaz li jirritorna Malta;

8. Illi r-rikorrenti tixtieq li tirreverti ghal kunjom xbubitha ossia 'O T';

9. Illi in oltre, r-rikorrenti qieghda tipprezenta l-Affidavit taghha (Dok 'E');

Talbet in vista tas-suespost l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, previa kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega:

(a) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijiet imputabbli lill-intimat u għall-finijiet ta' l-Artiklu 48(c) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitlu XVI) tistabbilixxi d-data meta l-istess intimat għandu jiġi kkunsidrat li minnu kien ħati tal-firda;

(b) Tawtorizza lir-rikorrenti tgħix separatament minn ma' zewgha l-intimat;

(c) Tafda lir-rikorrenti esklussivament il-kura u kustodja tal-minuri Y B u kif ukoll tordna li l-post ta' residenza tal-minuri jkun f' Malta mar-rikorrenti, u li l-istess minuri ma tohrogx barra minn dawn il-Gzejjer, lanqas temporaneament, jekk mhux bil-permess ta' r-rikorrenti, jew, fin-nuqqas, minghajr l-awtorizazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti;

(d) Tordna lill-intimat sabiex jissoministra manteniment adegwat ghat-tifla minuri Y B u ghal dan l-iskop tiffissa retta alimentarja u tordna lill-intimat sabiex ihallas dik ir-retta alimentari hekk stabbilita, kif ukoll li din ir-retta alimentarja tigi inkrementata perjodikament sabiex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, liema retta alimentari hekk stabbilita ghandha tidhol direttament f'kont bankarju intestat fuq ir-rikorrenti;

(e) Tapplika kontra l-intimat internament jew in parti d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u/jew 51 sa 55A tal- Kodici Civili, Kap. 16, Tal-Ligijiet ta' Malta.

(f) Tawtorizzaha lir-rikorrenti tirreverti ghal kunjom xbubitha ossia, 'O T';

(g) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex inizzel l-annotazzjonijiet apositi fic-Certifikat taz-Zwieg tal-partijiet u dan skont is-sentenza eventwalment mogħtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew : (fol 59)

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata u aktar xhieda meta u jekk jirnexxielhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha prodotti u l-atti kollha tal-proċediment.

Semgħet ix-xiehda tal-attriċi;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali, b'dana illi l-konvenut C N S B jinsab nieqes minn Malta u għalhekk l-attriċi debitament ipproċediet bil-ħatra tal-kuraturi sabiex jirrapreżentawh f'dawn l-atti.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tiegħu l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

- Tiddikjara li inkwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba ħtijiet imputabbli lilu fosthom adulterju, eċċessi, sevizzi u nġurji gravi;
- Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Y bint il-partijiet, esklussivament f'idejn l-attriċi;
- Tiffissa manteniment xieraq għall-istess minuri pagabbli mill-konvenut;
- Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili;
- Titlob ukoll li tirriverti lura għal kunjom xbubitha O T;

L-attriċi xehdet bil-proċedura tal-affidavit[1] fejn hija spjegat is-segwenti:

(a) Il-partijiet iltaqgħu hawn Malta f'April tas-sena 2005, meta l-konvenut assenti mar jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni fir-residenza tal-attriċi. Huma bdew jiffrekwentaw lil xulxin u f'Awwissu 2005 iżżewġu bir-rit Islamiku għand l-Imam; L-attriċi kienet qed tistenna l-għoti tal-annullament taż-żwieġ preċedenti tagħha u meta dan ingħata, il-partjiet iżżewġu bir-rit ċivili nhar id-29 ta' Settembru 2007[2];

[1] Fol. 32 tal-proċess
[2] Ċertifikat taż-żwieġ relattiv jinsab esebit fol. 4

(b) Miż-żwieġ, fid-9 t'Awwissu 2008, twieldet il-minuri Y, li preżentement għandha disa' snin;

(c) L-inkwiet bejn il-partijiet beda meta l-attriċi kienet tqila, għaliex C beda joħroġ waħdu kull filgħaxija u hi tibqa' d-dar weħidha. Meta ċċempillu jkollu ċ-ċellulari mitfi. Ġieli ħarġu jftittxuh hi u ħuh Feras, u ġieli sabuh Paceville fil-kumpanija ta' tfajliet oħra; Meta kienet turih id-dispjaċir tagħha li hu joħroġ ma sħabu u jħalliha weħidha, kien jirrabja ħafna u ġieli refa' jdejh fuqha u kisser affarijiet fid-dar.

(d) F'Jannar 2011, il-konvenut telaq mid-dar għal xahar, imma l-attriċi aċċettatu lura bil-kondizzjoni li jaqta' l-ħruġ mal-ħbieb kull filgħaxija. F'Mejju reġa beda joħroġ u jagħmel l-iljieli barra. Beda jidħol fis-sakra u jevitaha u għalhekk l-attriċi bdiet tissuspetta li kien f'relazzjoni ma' persuna oħra. Beda jagħmel ġranet barra mid-dar u kien idum tlieta jew erbat'ijiem ma jmur lura. F'Settembru kien telaq għal kollox u ma kinitx taf fejn qiegħed jgħix.

(e) L-attriċi bdiet tifhem li dan iż-żwieġ ma kienx ser idum u għaldaqstant il-partijiet resqu għal kuntratt tas-separazzjoni tal-beni fl-atti tan-Nutar Dottor Anne Marie Tonna nhar l-1 ta' Frar 2012[3], illi permezz tiegħu huma tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom sa dakinhar, kif ukoll qasmu l-assi komuni bejniethom.

(f) L-attriċi bdiet ukoll il-proċess tal-medjazzjoni sabiex tissepara minn miegħu. Bdiet anke tfittex l-assistenza għand l-Aġenzija Appoġġ minħabba s-swat u l-abbuż verbali fuqha;

(g) Saret taf li kien qiegħed jiffrekwenta mara Tuneżina u meta l-attriċi ffaċċjat lil din il-persuna, mill-ewwel ammettiet li kien

[3] fol. 5

f'relazzjoni m'C. Billi huwa qatt m'ammetta din ir-relazzjoni, darba minnhom l-attriċi marret il-Ħamrun fejn kien qiegħed jirrisjedi u sabithom hemm flimkien. Dakinhar il-konvenut kien sawwatha u l-attriċi għamlet rapport l-għassa tal-Pulizija;

(h) Reġa wiegħdha li ser jinbidel u qalilha biex imorru jirrisjedu l-Libja, kif fil-fatt għamlu. L-attriċi bdiet taħdem bħala Kindergarten teacher ġo skola Amerikana fi Tripoli iżda l-konvenut ma kienx jaħdem; Wara seba' xhur ġew lura Malta;

(i) Beda jinsisti biex japplikaw sabiex jakkwista ċ-ċittadinanza Maltija. L-attriċi kienet sabet konverżazzjoni sħiħa fuq il-*facebook* m'oħtu fejn din tagħtu l-parir jistenna ftit ieħor sakemm ikun jista' jġib iċ-ċittadinanza; Effettivament akkwista ċ-ċittadinanza Maltija f'Novembru 2014;

(j) Wara ftit taż-żmien, il-konvenut biegħ kull ma kellu hawn Malta, inkluż il-vettura, għalaq in-numru tal-VAT u telaq ma' sieħbu lejn Londra;

(k) Sussegwentement il-partijiet resqu wkoll għal kuntratt ta' assenjazzjoni ta' propjeta` fl-atti tan-Nutar Dottor Anne Marie Tonna, nhar it-12 t'Awwissu 2015[4] fejn il-konvenut assenja sehmu mid-dar matrimonjali lill-attriċi wara li ħallsitu s-somma ta' €73,500, Sabiex ħallsitu kellha tieħu self mingħand HSBC Bank Malta p.l.c.;

(l) Wara , il-konvenut qata' kull kuntatt minn magħha. Marret bit-tifla ġewwa Cardiff, fejn kien qed jirrisjedi, għal wieħed u għoxrin jum, iżda hu qatta' magħhom biss jumejn mentri

[4] Fol. 9

għal ħabib tiegħu Palestinjan ħa ħafna ġranet frank biex idawru u saħansitra ħadu Londra;

(m) Fit-2 t'Ottubru 2015, il-konvenut ċempel lill-attriċi u ddivorzjaha skont ir-rit Islamiku bil-kliem "Inti taliq miljun marra"; L-attriċi xorta waħda xtaqet li jirranġaw l-affarijiet u jibqgħu magħqudin għall-ġid tat-tifla. Kienet anke kellmet lill-imgħallem tiegħu biex jirranġalhom imma l-konvenut ma riedx jisma;

(n) Darba minnhom daħlet fuq il-*Facebook* tiegħu biex titfagħlu ritratt tat-tifla u sabet li kien l-konvenut kien *engaged* lil ċerta Randa Aboras u dan mill-1 t'Ottubru 2015[5];

(o) Fl-istess żmien, beda jċemplilha biex jara jekk hijiex ħierġa u hiex ser tħalli lit-tifla weħidha; Beda jgħid li ser jiġi Malta u jieħu lit-tifla miegħu. Ta' dawn it-telefonati hi bdiet tirrapporta lill-Pulizija għax bdiet tibża' li ser joħdilha t-tifla[6].

(p) Dwar il-minuri, l-attriċi xehdet[7] illi l-konvenut m'għadx għandu kuntatt magħha. Lanqas ikellimha u lanqas jibgħatilha xejn. Fuq domanda tal-Qorti, l-attriċi xehdet illi il-konvenut lanqas f'għeluq sninha ma jċempel lit-tifla;

(q) Żiedet ukoll li kemm meta kien Malta u wkoll meta telaq, il-konvenut kien jagħmel l-istess xogħol ta' *renovations* imma flus lejn il-familja ma kienx iġib. Kienet dejjem hi li tieħu ħsieb tmantni lill-familja tagħha *"jien il-breadwinner. Jien dejjem ħdimt."* Il-flus jibgħathom lill-familja tiegħu (fil-Libja) imma għaliha u għat-tifla xejn.

---

[5] Estratt minn Facebook f'dan is-sens jinsab esebit fol. 17

[6] Rapporti immarkati dok. RA3, RA 4 fol. 21 et seq.

[7] Xiehda viva-voce mogħtija fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2017

*(r)* Omm l-attriċi kkonfermat dan meta xehdet[8] *"Naf li C ilu ħafna ma' jagħmel kuntatt kemm ma' Ritianne u kemm mat-tifla u kif ukoll qatt ma ta jew bagħat xi flus għat-tifla."*

Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ

Illi l-attriċi, fir-rikors ġuramentat, tatribwixxi lil żewġha diversi kawżali għall-azzjoni tas-separazzjoni fosthom l-adulterju, l-eċċessi, is-sevizzi u l-inġurji gravi.

L-adulterju huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili[9] jistipula: "***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".[10] Di piu, l-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*"[11]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jagħti prova. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[12] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*".

Il-moħqrija, kif imsemmija fl-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, bħala bażi għas-separazzjoni personali, ġiet ritenuta minn

[8] L-affidavit tagħha esebit fol. 64
[9] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[10] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[11] Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP)
[12] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP)

ġurisprudenza kostanti bħala "sevizzi".[13] Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[14], ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

L-attriċi taddebita wkoll lil żewġha t-theddid u l-vjolenza. Dwar dawn *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima."*[15]

Illi l-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tistax tiġi ġustifikata. Skond kif ppronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone[16]: *"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha;"*[17] Skond l-istess Qorti *"Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta` li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taż-żwieġ"*[18].

Fis-sentenza ġja ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".*

Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."* Gie ritenut ukoll illi l-ingurji jridu: *"joffendu l-persuna li kontra tagħha*

---

[13] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[14] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961,Vol. XLV C.ii.708
[15] Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud, Appell Ċivili, 21 ta' Frar 1969
[16] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003
[17] Genoveffa Magri vs. Joseph Magri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[18] Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003

*huma diretti b'mod li jiġġeneraw dulur, eżaċerbazzjoni u avverżjoni profonda kontra l-konjuġi li jkun ħati tagħhom."*[19]

M'hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-adulterju kostanti tal-konvenut assenti, b'relazzjonijiet ma' diversi nisa matul il-ħajja miżżewġa mal-attriċi, fosthom it-Tuneżina li magħha kien qiegħed jirrisjedi ġewwa l-Ħamrun u wkoll ma' Randa Aboras li magħha kien *engaged* sa minn qabel ma ddivorzja lill-attriċi bir-rit Musulman.

Hu evidenti li l-konvenut iżżewweġ lill-attriċi għaliex għalih iż-żwieġ ma' mara Maltija kienet opportunita` tajba sabiex jikseb iċ-ċittadinanza Maltija u Ewropeja – żwieġ ta' konvenjenza u xejn iktar. Għalhekk ma kienx jiflaħ iġib ruħu ta' raġel miżżewweġ u jirrispetta lill-attriċi. Baqa' joħroġ ma' sħabu u jdum l-iljieli barra. Baqa' jfittex il-kumpanija ta' nisa oħra. Ma kienx hemm ir-rispett reċiproku bejn il-partijiet, u għalxejn ipprovat l-attriċi tirranġa l-imġieba tal-konvenut fil-konfront tagħha, għaliex fin-nuqqas tar-rispett lejha, il-konvenut ma setax jissaporti fil-ħajja miżżewġa. Fil-fatt, malli kiseb dak li ried miż-żwieġ, huwa telaq lejn l-Ingilterra u fi ftit żmien issevera kull kuntatt mal-attriċi u ma' bintu. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-aġir isarraf f'moħqrija.

Adoperat l-insenjament tal-ġjurisprudenza ċċitata għall-każ partikolari hawn eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attriċi hija ġustifikata u għalhekk l-ewwel talba attriċi qed tiġi akkolta billi l-Qorti qed issib lill-konvenut assenti ħati t'adulterju u ta' moħqrija fil-konfront ta' martu.

Il-firda personali mmotivata mill-adulterju ġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi f'każ ta' adulterju (kif ukoll f'każ ta' abbandun) huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jistipula:

[19] Vol. XXXI, PI p.2000

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[20];***

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Bħala konsegwenza tas-sejba tal-ħtija tal-adulterju, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tiegħu l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tal-attriċi.

<u>Dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri Y</u>

Mill-assjem tal-provi, jirriżulta li l-minuri dejjem kienet ikkurata minn ommha l-attriċi. Partikolarment minn Ottubru 2015, meta r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat, hija baqgħet tieħu ħsieb lil binthom mingħajr kollaborazzjoni da parti tal-konvenut assenti. Anke mill-aspett finanzjarju, minn dejjem kienet l-attriċi li pprovdiet għall-ħtiġijiet tal-minuri għaliex meta l-konvenut kien hawn Malta u jaħdem ma kienx jgħaddilha flus. Issa li qed

[20] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

jirrisjedi barra minn Malta, xorta waħda m'huwiex qed jibgħat flus għall-għixien tal-minuri. Ma żamm l-ebda kuntatt mal-minuri, lanqas permezz tat-telefon u kompletament sparixxa minn ħajjitha.

Illi minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[21] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[22], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [23] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[24] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa*

[21] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP
[22] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;
[23] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;
[24] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

*vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-konjuġi bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili.

Din il-Qorti dejjem irriteniet[25], anke fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata, li t-talba ta' kura u kustodja għandha tiġi determinata u deċiża skond il-prinċipju tal-aħjar interessi tal-minuri. Wara li semgħet il-provi kollha miġbura fil-mori tal-kawża odjerna, il-Qorti hija moralment konvinta li huwa fl-aħjar interessi tal-minuri, li tkun fdata mar-rikorrenti ommha stante li jirriżulta illi hija omm idoneja għall-istess minuri. Jirriżulta wkoll, li l-missier m'huwiex jassumi r-responsabbilita' ta' missier jew li għall-anqas juri li hemm xi forma t'interess da parti tiegħu.

Tenut kont ta' dan, kif ukoll tal-fatt li minn mindu l-partijiet isseparaw *de facto* kienet ir-rikorrenti li b'mod esklussiv ħadet ħsieb lill-minuri, il-Qorti tħoss li huwa fl-aħjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tagħha tiġi fdata f'idejn ir-rikorrenti b'mod esklussiv, speċjalment in vista tal-fatt li l-missier qiegħed jabita 'l bogħod minn Malta, bl-attriċi li ma tafx eżattament fejn qiegħed. Ċertament illi ma jkunx fl-aħjar interess tat-tifla illi tħalli l-kura konġunta bejn iż-żewġ ġenituri fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, fejn l-attriċi u l-minuri jinsabu hawn Malta, mentri l-konvenut jgħix barra minn Malta. L-Qorti ma tixtieqx li l-aġir tal-missier li abbanduna lill-familja tiegħu, jirrifletti negattivament fuq ħajjet it-tifla.

Għalhekk, il-kura u l-kustodja tal-minuri Y qed tiġi fdata unikament u esklussivament lill-omm, b'dan li hija awtorizzata sabiex weħidha tieħu d-deċiżjonijiet kollha rigwardanti s-saħħa,

---

[25] Ara fost diversi sentenzi oħrajn lkoll deċiżi minn din il-Qorti: Rikors Ġuramentat 267/15AL Ab vs. Cd 27 t'April 2017; Rikors Ġuramentat 145/13AL Ab pro et. noe. vs. CB t'Ottubru 2016; Rikors Ġuramentat 276/14AL Ab pro .et noe. vs. Dr. Simon Micallef Stafrace pro. et noe. 9 ta' Novembru 2016; Rikors Ġuramentat 161/09AL Ab vs. Cpd 2 t'Ottubru 2014; Rikors Ġuramentat 210/12AL Ab vs. Cd 28 ta' Mejju 2015;

l-edukazzjoni, ir-reliġjon u l-benessere tal-minuri, inkluż dawk straordinarji, kif ukoll li weħidha tapplika u tottjeni l-ħruġ u/jew it-tiġdid ta' passaport għat-tifla mingħajr il-ħtieġa tal-firma tal-missier jew xi awtorizzazzjoni ulterjuri tal-Qorti.

<u>Dwar il-manteniment</u>

Rigward il-manteniment tal-minuri, il-Qorti tirrileva li jirriżulta bl-aktar mod ċar li r-responsabbilita' kollha relatata mal-minuri waqgħet fuq ir-rikorrenti.

L-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula li: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Din il-Qorti dejjem irritjeniet ukoll li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-ġenituri iżda huwa obbligu assolut. Dana jfisser li kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.***

Il-Qorti, f'din il-kawża, hija għal kollox sprovvista minn kwalsiasi informazzjoni dwar l-introjtu li jdaħħal il-konvenut mix-xogħol tiegħu. Lanqas ma nġiebet prova preċiża dwar il-ħtiġijiet tal-minuri u l-ispiża mensili neċessarja għat-trobbija tagħha. Minkejja dan, il-Qorti ser tgħaddi biex tiffissa manteniment għall-minuri bil-fakolta` li dan jiġi rivedut ma' produzzjoni ta' provi ulterjuri.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tordna lill-konvenut assenti sabiex iħallas manteniment għal bintu Y fis-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar, liema manteniment jogħla kull sentejn skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u li jkun jinkludi wkoll is-sehem tiegħu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tali manteniment jibqa' jitħallas *di fermo* sakemm il-minuri jkollha tmintax–il sena. Jekk l-istess minuri meta ssir maġġorenni tkun qiegħda tistudja jew titħarreġ fuq

bażi *full-time*, allura tali manteniment għandu jibqa' jitħallas mill-intimat assenti sakemm l-istess minuri tieqaf tistudja fuq bażi *full-time* jew tilħaq l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' sseħħ l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance*, għandu jkun perċepibbli mill-attriċi.

Dwar Kunjom ir-Rikorrenti

Ir-rikorrenti, fis-sitt talba tagħha, titlob lill-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha O T. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, bil-ħtija tal-adulterju u tal-moħqrija imputabbli lill-intimat assenti;

[2] Tilqa' t-tieni talba attriċi u tawtorizza lir-rikorrenti tgħix separatament minn ma' żewġha;

[3] Tilqa' it-tielet talba tar-rikorrenti u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Y B unikament u esklussivament lir-rikorrenti, b'dan li hija awtorizzata sabiex weħidha tieħu d-deċiżjonijiet kollha rigwardanti s-saħħa, l-edukazzjoni, ir-reliġjon u l-benessere tal-minuri, inkluż dawk straordinarji, kif ukoll li weħidha tapplika u tottjeni l-ħruġ u/jew it-tiġdid ta' passaport għat-tifla mingħajr il-ħtieġa tal-firma tal-missier jew xi awtorizzazzjoni ulterjuri tal-Qorti.

[4] Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti billi tordna lill-konvenut assenti sabiex iħallas manteniment għal bintu minuri fis-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar, liema manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u li jinkludi

wkoll is-sehem tiegħu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess wild.

[5] Tilqa' l-ħames talba tar-rikorrenti u tapplika kontra l-intimat assenti l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

[6] Tilqa' s-sitt talba tar-rikorrenti billi tawtorizzaha tirriverti għal kunjom xbubitha ossia "O T".

[7] Tilqa' s-seba' talba tar-rikorrenti;

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimat assenti, b'dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.